**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**
**Dottor Charmaine Galea LL.D.**

**Illum 12 ta' Jannar 2016**

**Rikors Numru: 329/2015**

**Wara l-atti tal-ittra ufficjali 415/14 a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet:**

**Kummissarju ta' l-Artijiet**
**Vs**
**Carmelo sive Charles Sammut et**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat minn mir-rikorrenti fit-28 ta' Ottubru 2015 li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti tiddikjara li t-talba tal-Kummissarju intimat ghall-hlas ta' cens annwu u perpetwu rivedibbli fl-ammont ta' €5081.63c mis-16 ta' Lulju 2002 sal-15 ta' Lulju 2014 tigi revokata stante li l-ammont mitlub mhux dovut fl-intier tieghu;

Rat li l-Kummissarju intimat ma pprezenta l-ebda risposta;

Rat n-Nota konguntiva tal-partijiet ipprezentata fit-30 ta' Novembru 2015;

Rat n-Nota ta' cessjoni tar-rikorrenti li permezz taghha cedew il-mertu tar-rikors izda zammew ferm il-kap tal-ispejjez;

Rat illi skond in-Nota konguntiva ir-rikorrenti hallsu lill-Kummissarju intimat is-somma ta' €1603.77 u nghataw id-debita ricevuta mill-istess Kummissarju wara li l-istess irtira kwalunkwe pretensjoni li kellu fuq l-ammont rimanenti stante li kien preskritt skond il-ligi;

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li qieghdha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu ta' dan ir-rikors, qieghdha tikkundanna lill-Kummissarju intimat ihallas lir-rikorrenti l-ispejjez kollha konnessi ma' dan ir-rikors.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur